MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1406/2005

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Michael Zammit Tabona u Dr. Mark Busuttil fil-kwalita` taghhom ta' President u Segretarju rispettivament ta' Naxxar Lions Football Club**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Gunju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti nomine jigu ikkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u disgha u sebghin Liri Maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm979.59), rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal merkanzija mibjugha lill-konvenuti nomine u fuq istruzzjonijiet taghhom stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 8 t’April 2005 u bl-imghax legali mid-dati tal-fatura relativa, kontra l-konvenuti nomine li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra in-Nota ta’ Ammissjoni prezentata mill-konvenuti nomine fis-seduta tas-16 ta’ Settembru 2005.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ disa’ mija u disgha u sebghin Liri Maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm979.59), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti nomine skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------